19 ta' Ġunju, 1950

Imħallfin :

L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D., A/President

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Alfred Cachia Zammit ne. et. (*)**

***versus***

**Onor. Dottor Fisico Antonio Schembri Adami ne. et.**

**War Damage Commission — Rappreżentanza Ġudizzjarja— Ministru — Art. 4 ta' l-Ordinanza III ta' l-1943.**

*Il-War Damage Commission fil-proċedimenti ġudizzjarji hija rappreżentata mis-Segretarju tagħha, u dawk il-proċedimenti għandhom jittieħdu minn jew kontra dak is-Segretarju bħala rappreżentant tal-Kummissjoni, salvi każi partikulari espressament indikati fil-War Damage Ordinance.*

*Għalhekk il-Ministru, li taħtu jinsab id-dipartiment tal-War Damage Commission, ma għandux għalfejn ikun preżenti fi proċedimenti simili.*

Il-Qorti — Rat ir-rikors ta' l-imsemmijin Alfred Cachia Zammit u Nicola Camilleri fil-kwalitajiet fuq premessi, fejn qalu illi l-esponenti Alfred Cachia Zammit, bħala Segretarju għall-Kumitat Arċiveskovili tal-proprjetà tal-Knisja, u l-esponent Nicola Camilleri tal-Konfraternita tas-Santissimu Sagrament tal-Parroċċa ta' Hal Luqa, issottomettew "claim" lill-War Damage Commission li ġġib in-numru 9500/17577/43, akkompanjata mis-soliti formoli, u dana relativament għall-fond numru 33 St. Joseph Street, Luqa, liema fond kien ġie kważi distrutt għal kollox mill-ħidma tal-għadu, u għalhekk kopert għall-ħsarat mill-War Damage Ordinance, numru III ta' l-1943; illi l-"claim" relativa ġiet preżentata mill-esponen-

(*) Ara sentenza finali Appell Civili 5. 3. 1950.

ti għal ħabta ta' l-1943, u sussegwentement, fuq inkariku ta' l-istess esponenti, ġiet sottomes-a l-iskeda pertinenti per ministeru tal-perit ark'tett u inġinier ċivili Edward Vassallo fit-18 ta' Ottubru 1947, liema skeda ġiet debitament approvata mingħajr ebda deduzzjoni fl-1 ta' Marzu 1948 per mezz ta' ittra mibgħuta lir-rikorrent Nicola Camilleri—liema skeda u ittra ġew annessi bħala dokumenti "A" u "B" "animo ritirandi";

Illi fit-12 ta' April 1950 il-War Damage Commission bagħtet ittra lill-esponenti u lill-perit tagħhom, fejn ġew infurmati li l-War Damage Commission, non ostanti li ġà kien hemm l-iskeda approvata fil-partikularitajiet kollha taħt il-proċeduri li kienu jrieġu skond l-Ordinanza III ta' l-1943, li kienu dawk in forza meta l-imsemmija skeda ġiet preżentata u approvata, naqqsu s-somma ta' £288. 14. 3 bla ma taw ebda raġuni, u anki bla ma għamlu s-solita spezzjoni fuq il-fond in kwistjoni, u dan preżumibilment in forza ta' proċeduri li bdew jiġu adoperati wara l-emanazzjoni ta' l-emenda tal-War Damage Ordinance 1943 per mezz ta' l-Att numru XXXV ta' l-1948, liema Att ġie approvat mill-Assemblea Leġislativa fil-5 ta' Awissu 1948 u debitament assentat mill-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur fis-16 ta' Ottubru 1948;

Illi l-iskeda ta' l-esponenti kienet ġiet approvata, u kwindi saru x-xogħlijiet hemmhekk indikati, liema xogħlijiet ġew sostanzjati bi stima relattiva; il-Kummissjoni għamlet arbitrarjament id-deduzzjonijiet fuq imsemmija, billi applikat illegalment il-proċeduri maħruġa in forza ta' l-Att numru XXXV ta' l-1948, li fil-każ in kwistjoni ġie applikat retroattivament;

U talbu li din l-Onorabbli Qorti tiddikjara li l-War Damage Commission ma kellha ebda dritt, skond il-War Damage Act (Ord. III ta' l-1943), tiddeċidi li ma tikkunsidrax li tawtorizza l-pagament ta' ebda somma barra minn £893 biss, billi ġew dedotti arbitrarjament is-somma ta' £288. 14. 3 imsemmija fl-ittra tat-12 ta' April 1950 (dok. D), u li għalhekk dik id-deċiżjoni ta' l-istess War Damage Commission hija illegali u tistħoqqilha li tiġi minn dina l-Onorabbli Qorti revokata u mwaqqa' għall-fini kollha tal-liġi;

Bl-ispejjeż ta' dan l-appell;

*Omissis;*

Ikkunsidrat fuq l-eċċezzjoni preliminari;

Illi, kif sewwa rrilevaw l-intimati, b'dispożizzjoni espressa tal-liġi, fl-art. 4 ta' l-Ordinanza III ta' l-1943 (War Damage Ordinance), il-War Damage Commission fi proċedimenti ġudizzjarji hija rappreżentata mis-Segretarju tagħha, għax dawk il-proċedimenti għandhom jittieħdu minn jew kontra dak is-Segretarju bħala rappreżentant tagħha, salvi każi partikulari ndikati espressament fl-Ordinanza fuq imsemmija. Fil-każ preżenti, il-persuna ġuridika nteressata hija l-Kummissjoni, u hu in kontestazzjoni magħha li tista' tintalab id-dikjarazzjoni li ġiet mitluba mir-rikorrenti; għax id-deċiżjoni mpunjata ma hix deċiżjoni tal-Ministru tax-Xogħlijiet, iżda tal-Kummissjoni. Bħala dipartiment publiku l-Kummissjoni hija legalment rappreżentata sewwa mis-Segretarju tagħha biss, u ma hemmx bżonn li miegħu jidher il-Ministru (art. 4 Ord. ċit. u art. 789 Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). Għaldaqstant l-eċċezzjoni relativa għall-preżenza ta' l-intimat Onor. Schembri Adami nomine f'dan l-appell għandha fundament tajjeb;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tilqa' l-eċċezzjoni relativa għall-preżenza ta' l-Onor. Dr. Schembri Adami nomine f'dan l-appell, u teħles lill-istess Dr. Schembri Adami nomine mill-ħarsa tal-ġudizzju; bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti appellanti.